

Brussell, 22 ta' Mejju 2018  
(OR. en)

9120/18

WTO 134  
SERVICES 43  
FDI 28  
COMER 46

#### **EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

|          |                                                                                               |
|----------|-----------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                              |
| lil:     | Delegazzjonijiet                                                                              |
| Suġġett: | In-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehimiet kummerċjali tal-UE<br>- Konklużjonijiet tal-Kunsill |

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar in-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehimiet kummerċjali tal-UE adottati mill-Kunsill (Affarijiet Barranin/Kummerċ) fit-22 ta' Mejju 2018.

## KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

### DWAR IN-NEGOZJAR U L-KONKLUŻJONI TA' FTEHIMIET KUMMERĊJALI TAL-UE

1. L-UE hija impenjata favur politika kummerċjali robusta, effettiva u kredibbli, li tħares sistema kummerċjali multilaterali miftuħa u bbażata fuq ir-regoli. L-UE ser taħdem għal aġenda ambizzjuża ta' kummerċ ħieles li tappoġġa miljuni ta' impjiegi u tikkontribwixxi għall-prosperità, filwaqt li tqis l-aspettattivi taċ-ċittadini tagħha rigward il-liberalizzazzjoni tal-kummerċ f'dinja globalizzata u mgħaġġla. Din tinkludi l-ħtieġa li jiġu promossi l-valuri u l-istandards tal-UE, inkluż il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima, u li jinżamm id-dritt tal-gvernijiet li jirregolaw fl-interess pubbliku. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jappoġġa bis-saħħa n-negozjar ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles (FTAs) ambizzjużi, ibbilanċjati u ta' benefiċċju reċiproku, li jiżguraw kundizzjonijiet ekwi. Il-Kunsill ifakkar ukoll li, f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-22 ta' Marzu 2018, il-Kummissjoni ser teżamina kif tista' ssaħħaħ l-infurzar ta' impenji meħuda minn pajjiżi terzi. Il-ftehimiet kummerċjali kollha jenħtieġ li jiġu applikati b'mod sħiħ, effettiv u nondiskriminatorju fil-konfront tal-Istati Membri kollha tal-UE, li huwa komponent meħtieġ tal-proċessi ta' aġġornament ta' dawk il-ftehimiet.
2. Il-Kunsill jieħu nota tal-opinjoni tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja 2/15 dwar id-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għall-konklużjoni tal-FTA bejn l-UE u Singapore. Il-Kunsill ifakkar ukoll fil-pakkett tal-2017 dwar il-kummerċ u l-investiment tal-Kummissjoni, inkluż il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "*Politika ta' kummerċ li hija bbilanċjata u progressiva biex nisfruttaw il-globalizzazzjoni*".

3. Il-Kunsill jinnota li fil-futur il-Kummissjoni beħsiebha tirrakkomanda abbozz ta' direttivi ta' negozjar għal ftehimiet ta' kummerċ ħieles li jkopru l-kompetenza esklużiva tal-UE fuq naħa u ftehimiet ta' investimenti mħallta separati, min-naħa l-oħra, bil-ħsieb li tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-UE bħala sieħeb fin-negozjati. Huwa l-Kunsill li jiddeċiedi jekk jiftaħx in-negozjati fuq din il-bażi. Bl-istess mod huwa l-Kunsill li għandu jiddeċiedi, abbażi ta' każ b'każ, dwar it-taqsim ta' ftehimiet kummerċjali. Skont il-kontenut tagħhom, ftehimiet ta' assoċjazzjoni għandhom ikunu mħallta. Dawk li qed jiġu nnegozjati attwalment, bħal pereżempju mal-Messiku, il-Mercosur u ċ-Ċili, ser jibqgħu ftehimiet imħallta.
4. In-negozjar ta' ftehimiet kummerċjali biss għall-UE ma għandux iwassal għal nuqqas ta' lieva għall-UE fin-negozjati biex tikseb ftehimiet awtonomi ta' investiment ambizzjużi. Riflessjoni preliminari fil-Kunsill dwar il-ħtieġa għal regoli dwar il-protezzjoni tal-investiment ma' sħab ikkonċernati għandhom jitwettqu fl-aktar stadju bikri possibbli tal-eżerċizzju dwar l-ambitu. Il-ftehimiet ta' investiment tal-UE, fejn jitqies li huwa meħtieġ, għandhom fil-prinċipju jiġu nnegozjati b'mod parallel mal-FTAs.
5. Fir-rigward tan-negozjati kummerċjali futuri mal-Awstralja u New Zealand, il-Kunsill jinnota li l-Kummissjoni f'dawn iż-żewġ każijiet speċifiċi ma ppreżentatx rakkomandazzjonijiet għal direttivi ta' negozjar għal ftehimiet ta' investiment mar-rakkomandazzjonijiet proposti għan-negozjar ta' FTAs. Il-Kunsill iqis li dan m'għandux jistabbilixxi preċedent għall-futur.
6. Il-Kunsill jistenna b'interess l-iffirmar tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika mal-Ġappun, wara l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet rilevanti tal-Kunsill. Sadanittant, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli n-negozjati mal-Ġappun għal ftehim ta' investiment separat. Il-Kunsill qed jikkunsidra ftehimiet separati dwar il-kummerċ u l-investiment ma' Singapore, kif propost mill-Kummissjoni, bil-ħsieb li jiġu adottati malajr kemm jista' jkun id-deċiżjonijiet dwar l-iffirmar tagħhom.

7. Il-Kummissjoni għandha dejjem iżżomm lill-Kunsill infurmat u tikkonsulta miegħu kif xieraq matul l-istadji kollha tal-proċess ta' negozjar tal-FTAs, jiġifieri mill-eżerċizzju dwar l-ambitu sa ma jintlaħaq ftehim fil-prinċipju, anki meta l-ftehim ikun kompletament fil-kompetenza tal-UE. Id-deċiżjonijiet dwar l-iffirmar u l-konklużjoni jittieħdu mill-Kunsill; dan il-proċess jippermetti lill-gvernijiet tal-Istati Membri jikkonsultaw lill-parlamenti nazzjonali tagħhom u partijiet ikkonċernati oħra. B'riżultat ta' dan, għall-FTAs li jaqgħu kompletament fi ħdan il-kompetenza tal-UE, li huma approvati fil-livell tal-UE u ma jeħtiġux ratifika mill-Istati Membri, ir-rwoli tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew jiżguraw il-leġittimità u l-inklużività tal-proċess ta' adozzjoni. Ftehimiet ta' investiment, li jinkludu oqsma ta' kompetenza kondiviża, ser jibqgħu jeħtieġu approvazzjoni fil-livell tal-UE, kif ukoll ratifika fil-livell nazzjonali. Fil-każ ta' negozjati għaddejjin bħalissa għal ftehimiet kummerċjali, il-Kunsill ser jiddiskuti regolarment u jieħu kont tal-progress tan-negozjati u jista' jikkunsidra l-possibbiltà li jirrevedi d-direttivi ta' negozjati, jekk ikun hemm bżonn.
8. Il-Kunsill iqis li l-parlamenti tal-Istati Membri, kif ukoll is-soċjetà ċivili u partijiet interessati oħrajn, għandhom jiġu debitament infurmati mill-bidu tal-proċess ta' tħejjija għan-negozjati dwar ftehimiet kummerċjali. L-Istati Membri għandhom għalhekk ikomplu jinvolvu l-parlamenti u l-partijiet interessati kif xieraq, f'konformità mal-proċeduri nazzjonali rispettivi tagħhom. B'mod aktar ġenerali, il-Kunsill itenni l-importanza li jagħti biex jiġu indirizzati t-tħassib u l-aspettattivi taċ-ċittadini u jirrikonoxxi l-ħtieġa li ċ-ċittadini jinżammu kontinwament infurmati dwar il-progress u l-kontenut tal-ftehimiet kummerċjali li qed jiġu nnegozjati, biex b'hekk tissaħħaħ il-leġittimità u l-inklużività tal-politika kummerċjali tal-UE. Il-Kunsill jinnota l-informazzjoni u l-miżuri ta' trasparenza tal-Kummissjoni u jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jintensifikaw aktar l-isforzi tagħhom sabiex iżommu l-partijiet ikkonċernati infurmati u kontinwament u adegwatament. F'dan il-kuntest, il-Kunsill ifakkar ukoll li poġġa għad-dispożizzjoni tal-pubbliku għadd ta' direttivi ta' negozjar. Tali deċiżjoni tittieħed mill-Kunsill b'mod esklużiv, abbażi ta' każ b'każ.

9. Fl-aħħar nett, filwaqt li jirrispetta r-regoli ta' votazzjoni applikabbli skont it-Trattati, il-Kunsill ser ikompli jistinka biex, kemm jista' jkun possibbli, jikseb kunsens sabiex jiżgura li l-interessi u t-tħassib tal-Istati Membri kollha jkunu adegwatament rispettati fil-ftehimiet kummerċjali.
-